MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2005

Numru 208/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**Vs**

Emanuel Ellul

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Emanuel Ellul ta’ karta ta’ identita’ numru 801760(M), akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-23 ta’ Mejju 1996 u/jew fil-granet ta’ qabel u dawk ta’ wara:

i. iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra u cioe’ firma ta’ Harry Garret fuq Billi of Exchange datata 23 ta’ Mejju, 1996, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircevi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti jew jigbor

depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. xjentement ghamel uzu minnha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex jekk ikun il-kaz tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkomtemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta falsifikazzjoni ta' dokument, senjatamnet kambjala, u l-uzu xjenti taghha. Il-kambjala kostitwenti l-pern tal-akkuza hi dik esebita folio 14. Dwar il-fatti jirrisulta li l-kwerelant certu Harry Garret fil-kors ta' xoghol ta' sensal li kien intraprenda mal-imputat jew aktar preciz mas-socjeta' li taghha l-imputat huwa direttur u l-uniku azzjonist, kien ghamel rapport mal-pulizija li l-firma li tidher bhala tieghu fuq din il-kambjala hija falza stante li ma kinitx tieghu. L-imputat minn naha tieghu nsista li l-firma hi dik tal-kwerelant u kien hu stess li kien talbu jiffirmaha fl-ufficju tieghu meta stronka r-relazzjoni ta' bejniethom.

Issa hawnhekk qeghdin fil-kamp kriminali u kwindi kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-elementi kostitwenti r-reat li hu mfassal ai termini tal-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9. Kellha tipprova l-ewwel u qabel kollox l-element materjali tal-falsifikazzjoni u li l-falsifikazzjoni saret mill-imputat. Huwa pacifiku li kongetturi jew 'suspetti

serji' da parti tal-ufficjali investigattivi m'humiex prova li fuqha l-qorti tista' issib reita'.

Fil-kaz in disamina l-provi huma biss kongetturali u din il-qorti xejn ma kien jinteressa hlief il-prova cara u univoka tal-falsifikazzjoni u li kien l-imputat responsabbli ghal tali falsifikazzjoni. Konsiderazzjoniet ohra dwar l-iskop li ostensibbilment giet jew kellha tigi iffirmata l-kambjala jew ukoll jekk l-istess kambjala hija valida jew le ma humiex rilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri kriminali. Hemm jew m'hemmx il-prova tal-falsifikazzjoni?. Hemm jew m'hemmx il-prova li ghall-istess falsifikazzjoni, jekk pruvata, kienx responsabbli l-imputat? Dawn biss huma l-kwesiti li l-prosekuzzjoni kellha tipprova u kif jirrisulta wisq car mill-provi l-prosekuzzjoni ma waslitx biex tippruvahom. Addirittura lanqas giet pruvata l-falsifikazzjoni 'per se' li hi l-bazi tal-kawza u minghajr l-prova taghha kollox jisfuma fix-xejn.

Il-Qorti hi tal-fehma li tista' tieqaf hawn u konsegwentement tghaddi ghad-decizjoni taghha: li ma ssibx l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------